MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 314/2009

**Go PLC**

**Vs**

**Business by Phone Malta Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li biha s-socjeta` attrici wara li qalet:

Illi s-socjeta` GO p.l.c. ipprestat servizz hekk imsejjah "Ethernet Fibre u IP Bandwidth" lis-socjeta` konvenuta skond ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-6 ta' Marzu, 2008.

Illi s-sojceta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf tmien mija u seba' Euro hamsa u hamsin centezmu (€14, 807.55) u dan skond kopja ta' prospett u fatturi.

Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata, biex thallas, baqghet nadempjenti.

Illi l-Prokuratur Legali Noel Scerri huwa mpjegat tas-socjeta` GO p.l.c. u jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf tmien mija u seba' Euro hamsa u hamsin centezmu (€14,807.55) rapprezentanti hlas ghas-servizz imsemmi kif jinghad fuq.

Bl-ispejjez, tal-prezenti, dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi prezentat u mahluf kontestwalment ma dan ir-rikors u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura u cioe` mill-11 ta' Frar, 2009, kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------